# Il-Beata Giovanna Scopelli



Xmun u Katerina Scopelli kienu joqogħdu fil-belt ta' Reggio ta' Emilja, l-Italja. Kienu nies sewwa u rabbew lil uliedhom fil-biża' ta' Alla. Fost it-tlett ibniet u tifel li kellhom, Giovanna kienet l-iktar li tħabrek biex tgħinhom fix-xogħol tad-dar u fid-diffikultajiet l-oħra tal-ħajja. Din Giovanna meta kienet tlesti x-xogħol tad-dar kienet issib l-hena tagħha filli jew toqgħod f'xi rokna moħbija mehdija fit-talb jew tmur f'xi knisja fil-qrib biex toqgħod titlob.

Minn ċkunitha kienet tħobb il-ħajja reliġjuża għalkemm fil-bidu ftit li xejn kienet taf it-toqol li ġġib magħha din il-ħajja. Ħuha żżewweġ kmieni. Giovanna għalhekk għamlet kemm setgħet biex tgħin lil ħutha l-oħra bniet biex jiżżewġu. Hija, ftit wara, baqgħet waħedha d-dar mal-ġenituri tagħha. Dejjem ferħana u kuntenta kienet tara li l-ġenituri tagħha ma jkun jonqoshom xejn.

Xtaqet ferm li ssir soru, imma min-naħa l-oħra ma riditx tħalli lill-ġenituri waħedhom. B'danakollu Xmun u Katerina kellhom f'moħħhom ħsieb ieħor: "Aħna qed nikbru" kienu jgħidu, "issa meta niġu neqsin aħna x'ser tagħmel Giovanna jekk tibqa' waħedha? Hemm bżonn tiżżewweġ; b'hekk biss inserrħu rasna." Resqu kemm-il żagħżugħ lil Giovanna, imma kollu għalxejn. Ħajruha u wegħduha u għamlu li setgħu biex Giovanna tiżżewweġ. Giovanna qalet "Le" u ħadd ma seta' jdawrilha fehmitha, Kulħadd baqa' mgħaġġeb biha. Kienet tobdi f'kollox, imma f'din il-biċċa taż-żwieġ ma riedet taf b'xejn. Fl-aħħar Xmun u Katerina qatgħu qalbhom u ħallew lil binthom fil-kwiet.

Wara din il-burraxka, għal żmien twil Giovanna dehret imħassba. Spiss kienet taqa' fi skiet kbir. Ma tkellem lil ħadd. ommha Katerina, li kienet taf taqra l-qalb ta' bintha fehmet li Giovanna kellha xi sigriet moħbi.

Imma ħallietha rajha fidejha. Ma kellmitha xejn fuq hekk, fl-aħħar Giovanna fetħet fommha. Tkelmet u xandret is-sigriet tagħha: "Nixtieq nilbes il-libsa tas-Sorijiet Karmelitani". Kieku faqqgħet sajjetta Katerina u Xmun ma kinux jeħduha hekk bi kbira, "Kif sejra tħallina waħedna? U lilna min idur bina?" Kos, x'raġuni! L-ewwel riduha toħroġ mid-dar u tiżżewweġ, u issa jriduha tibqa' magħhom. Kienu nies tajba

www.fleurdelys...

u bħal ħafna ġenituri oħra kienu jirraġunaw aktar b'qalbhom milli b'moħħhom. Giovanna wkoll kellha qalb u ma xtaqitx tara lill-ġenituri tagħha jbatu. Irnexxielha li taqla' l-permess li tilbes il-libsa tal-Karmelitani u tibqa' soru tad-dar. B'hekk kulħadd kien kuntent.

Giovanna kellha xi erbgħin sena meta tilfet lill-ġenituri. L-ewwel 'l ommha mbagħad lil missierha. Issa d-dar li kellha kienet kbira ħafna u mimlija ġid. Giovanna riedet tgħix ħajja fqira u tbati bħal Kristu, l-għarus tal-qalb tagħha.

Ħalliet id-dar u kulma ħallewlha l-ġenituri tagħha u marret toqgħod ma' mara oħra fqira li kienet tixtieq ħafna li twaqqaf għaqda ta' xebbiet li jkunu mogħtija għal kollox 'l Alla. Kienu jiftehmu ferm, igħaddu ħafna żmien fit-talb, jew inkella jżuru l-morda u jgħinu mill-aħjar li jistgħu lil fqar oħra. Wara xi żmien ingħaqdu magħhom mara armla u żewġ uliedha, u b'hekk din il-familja reliġjuża bdiet tikber aktar. Ix-xogħol u l-ħidma ta' ġid għall-erwieħ ma naqasx. Giovanna kienet tieqaf ma' kulħadd u tagħmel il-qalb lil sħabha biex jaħdmu dejjem għall-ġid tal-oħrajn. Ftit wara ingħaqdu magħhom żewġ xebbiet oħra. Għalhekk ħasbet u rat li d-dar li kellhom kienet żgħira għalihom. X'għamlet? Bil-kuraġġ kollu talbet lill-Isqof Filippu Zoboli biex jagħtihom il-knisja ta' San Bernard li kienet f'idejn il-patrijiet imsejħin "umiljati". L-Isqof kien jaf biżżejjed bix-xogħol li kienet qed tagħmel Giovanna u sħabha, għalhekk talab lill-patrijiet biex jagħtu l-knisja u l-kunvent li kellhom lil Giovanna. Iżda dawn ma ridux jitilquh minn idejhom. Meta mbagħad ġie l-Ġeneral tagħhom, l-Isqof talbu mill-ġdid biex jagħtu ḷ-Knisja ta' San Bernard lil Giovanna. U l-Ġeneral tal-Patrijiet "Umiljati" laqa' t-talba ta' l-Isqof. U Giovanna u sħabha ħadu f'idejhom il-kunvent ġdid. B'hekk setgħu jgħixu aħjar il-ħajja reliġjuża.

Kollha libsu l-libsa tal-Karmelitani u l-patrijiet kienu jieħdu ħsiebhom fl-affarijiet spiritwali. Imma l-faqar li Giovanna u sħabha kienu jgħixu fih kien kbir ferm. Mhux darba u tnejn naqsilhom l-ikel, imma kienu jgħixu dejjem ferħanin, marbutin f'għaqda sħiħa ta' mħabba bejniethom.

In-nies kienu jafuhom is-sorijiet il-"Bojod" mill-kappa bajda li kienu jilbsu. U Giovanna kienet tgħix ma' sħabha bħala waħda minnhom. Qatt ma kienet tistenna xejn li hi xi ħaġa aħjar minn ħaddieħor. Kienet tqatta' mal-ħames sigħat kuljum fit-talb, u kellha qima kbira lejn il-Madonna, li kienet tagħtiha ġieh speċjali bil-qima msejħa "L-Velu tal-Madonna". Ħadd qatt ma ttenda bil-penitenzi li kienet tagħmel. Meta mietet fid-9 ta' Lulju 1491, sabulha ċillizzju li kien imdawwar ma' qaddha u li kien ilu fuqha s-snin il-kbar.

www.fleurdelysparish.com

Il-Papa Klement XIV fl-1771 meta ra l-virtujiet kbar ta' Giovanna Scopelli u l-qima li n-nies ta' Reggio kellhom lejn din is-soru Karmelitana, xandarha bħala Beata. U għalhekk il-festa tagħha ssir nhar id-9 ta' Lulju.

**www.fleurdelysparish.com**

Find us on f

***fleurdelysmalta.parish***

www.fleurdelysparish.com